**Laqgha Numru 08/K6/2011**

**Introduzzjoni**

It-Tminn Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2011 li saret nhar l-Erbgha 2 ta' Marzu 2011.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Lauro Fava, Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-24 ta' Frar 2011. L-Agenda kienet:

**01. Fiera ta' kampijiet.**

# 01. Fiera ta' kampijiet.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li qabel il-laqgha l-membri tal-Kunsill iltaqghu mas-sur Silvio Abela biex jisimghu minn ghandu l-offerta li kien qed joffri bhala rikompens ghall-uzu ta' l-art. Il-kelliem qal li s-sur Silvio Abela ta' Adventure Camping Shop Co. Ltd. kien offra lill-Kunsill li bhala rikonoxximent ghall-fatt li l-Kunsill jilqa' t-talba tieghu kien lest li joffri l-ammont ta' €200 lill-Kunsill biex jintuza b'risq il-komunita' kif ukoll li jorganizza zewg camping weekends ghal zewg gruppi ta' 15 il-zghazugh ta' bejn l-14 u s-16-il sena. Il-kelliem qal ukoll li s-sur Abela kien lest li jaghmel il-fiera tieghu bejn l-4 ta' April u l-15 ta' Mejju 2011.

1.02. Fid-dawl ta' dan il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli (li kien ippropona din il-mozzjoni biex jinhareg il-permess fil-laqgha tal-Kunsill precedenti) rega' ippropona li l-Kunsill jilqa' l-offerta tas-sur Abela kif ukoll li l-Kunsill ma jsibx oggezzjoni ghat-talba tieghu.

1.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

1.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.05. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li s-sur Abela jintalab li d-donazzjoni tieghu minflok fi flus, ghandha tinghata lill-Kunsill f'tokens ta' korsijiet biex eventwalment jinghataw lir-residenti.

1.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.08. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-6.25pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |